**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-18 ta' Marzu, 2016.

Talba Numru: 298/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 4

**Go p.l.c. (C22334)**
**Triq Fra Diegu Marsa**
**MRS 1501**

**vs**

**Jozann Irvine Boyd Trevisan (ID243601L)**
**140, St Michael's, Flat 1**
**Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru,**
**Naxxar**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' tliet mija u disgha u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€389.73c) dovuta mill-konvenuta lis-Soċjeta` attriċi, rappreżentanti ammont in

konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bil-kont numru *A/C 40002626* moghtija mis-Soċjeta' attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Rat l-affidavit ta' Charmaine Wiffen rappreżentanta tas-Soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-Soċjeta` attriċi, għadu dovut u ma tħallasx.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta` attriċi is-somma ta' tliet mija u disa u tmenin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€389.73c) bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Marzu, 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 435/2014 , sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a karigu tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**